SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (ir-Raba' Awla)

3 ta' Frar 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi – Proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi – Direttiva 2014/24/UE – Artikolu 2(1)(4) – Awtorità kontraenti – Korpi rregolati mid-dritt pubbliku – Kunċett – Federazzjoni sportiva nazzjonali – Issodisfar ta' ħtiġijiet ta' interess ġenerali – Sorveljanza tat-tmexxija tal-federazzjoni minn korp irregolat mid-dritt pubbliku"

Fil-Kawżi magħquda C-155/19 u C-156/19,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjonijiet tas-17 ta' Jannar 2019, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Frar 2019, fil-proċeduri

**Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC),**

**Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl**

vs

**De Vellis Servizi Globali Srl,**

Fil-preżenza ta':

**Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl,**

**Comitato Olimpico Nazionale Italiano (CONI),**

**Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (ir-Raba' Awla),

Komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, N. Piçarra, D. Šváby (relatur), S. Rodin u K. Jürimäe, imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Schiano, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Lulju 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Federazione Italiana Giuoco Calcio (FIGC), minn L. Medugno u L. Mazzarelli, avvocati,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan

– għal Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl, minn V. Di Martino, avvocato,

– għal De Vellis Servizi Globali Srl, minn D. Lipani, A. Catricalà, F. Sbrana u S. Grillo, avvocati,

– għal Comitato Olimpico Nazionale Italiano (CONI), minn S. Fidanzia u A. Gigliola, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistit minn D. Del Gaizo, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Gattinara, P. Ondrůšek u L. Haasbeek, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati matul is-seduta tal-1 ta' Ottubru 2020,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1)(4)(a) u (c) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/CE (ĠU 2014, L 94, p. 65, bir-Rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn il-Federazione Italiana Giuoco Calcio (il-Federazzjoni Taljana tal-futbol, iktar 'il quddiem il-"FIGC") u Consorzio Ge.Se.Av. S. c. arl (iktar 'il quddiem "Consorzio") minn naħa, u De Vellis Servizi Globali Srl fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt lil Consorzio.

### Il-kuntest Ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 2(1)(4) tad-Direttiva 2014/24 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

4. 'korpi regolati mil-liġi pubblika' tfisser korpi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
   a) huma stabbiliti għall-għan speċifiku li jaqdu l-bżonnijiet fl-interess pubbliku, li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali;
   b) għandhom personalità ġuridika; u
   c) huma ffinanzjati, fil-biċċa l-kbira, mill-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati mil-liġi pubblika; jew huma soġġetti għas-supervizzjoni maniġerjali minn dawk l-awtoritajiet jew korpi; jew għandhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jinħatru mill-awtoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati mil-liġi pubblika".

***Id-dritt Taljan***

*Il-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi*

4 L-Artikolu 3(1)(d) tad-decreto legislativo n. 50 – Codice dei contratti pubblici (id-Digriet Leġiżlattiv Nru°50 li jistabbilixxi l-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi), tat-18 ta' April 2016 (Suppliment Ordinarju tal-GURI Nru 91, tad-19 ta' April 2016, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi"), jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan il-kodiċi,

[…]

d) 'korp irregolat mid-dritt pubbliku', tfisser kull korp, anki jekk fil-forma ġuridika ta' kumpannija, li l-lista mhux eżawrjenti tagħhom tinsab fl-Anness IV:
   1) maħluq sabiex jissodisfa speċifikament ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali;
   2) li għandu personalità ġuridika,

      u
   3) li l-attività tiegħu hija ffinanzjata prinċipalment mill-Istat, mill-entitajiet territorjali jew minn korpi oħra rregolati mid-dritt pubbliku, jew inkella t-tmexxija tiegħu hija suġġetta għal kontroll minn dawn tal-aħħar, jew inkella l-korp ta' amministrazzjoni, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza huwa kompost minn membri li iktar minn nofshom huma maħtura mill-Istat, mill-entitajiet territorjali jew minn korpi oħra rregolati mid-dritt pubbliku."

*Id-Digriet Liġi Nru°220*

5 L-Artikolu 1 tad-decreto-legge n. 220 – Disposizioni urgenti in materia di giustizia sportiva (id-Digriet Liġi Nru 220 li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Urġenti fir-rigward tal-Ġustizzja Sportiva) tad-19 ta' Awwissu 2003 (GURI Nru 192, tal-20 ta' Awwissu 2003), ikkonvertit f'liġi, wara modifiki, bl-Artikolu 1 de la legge n. 208 (il-Liġi Nru 208), tas-17 ta' Ottubru 2003 (GURI Nru 243, tat-18 ta' Ottubru 2003), jipprovdi:

"1. Ir-Repubblika tirrikonoxxi u tiffavorixxi l-awtonomija tad-dritt sportiv nazzjonali, bħala espressjoni tad-dritt internazzjonali tal-isport li jaqa' taħt il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali.

2. Ir-relazzjonijiet bejn id-dritt sportiv u d-dritt tar-Repubblika huma rregolati fuq il-bażi tal-prinċipju ta' awtonomija, ħlief fil-każijiet rilevanti għall-ordinament ġuridiku tar-Repubblika ta' sitwazzjonijiet suġġettivi marbuta mad-dritt sportiv."

*Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 242*

6 L-Artikolu 1 tad-decreto legislativo n. 242 – Riordino del Comitato olimpico nazionale italiano-CONI, a norma dell'articolo 11 della legge 15 marzo 1997, no 59 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 242 dwar Organizzazzjoni mill-Ġdid tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan-CONI, skont l-Artikolu 11 tal-Liġi

Nru 59 tal-15 ta' Marzu 1997), tat-23 ta' Lulju 1999 (GURI Nru 176, tad-29 ta' Lulju 1999), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwimiet fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru°242"), huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-[Comitato Olimpico Nazionale Italiano (il-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan), iktar 'il quddiem imsejjaħ il "CONI"] għandu personalità ġuridika tad-dritt pubbliku, huwa stabbilit f'Ruma u jinsab taħt it-tutela tal-Ministero per i Beni e le Attività Culturali (il-Ministeru għall-Patrimonju u għall-Attivitajiet Kulturali, l-Italja)."

7 L-Artikolu 2(1) tal-imsemmi digriet leġiżlattiv jipprevedi:

"Il-CONI […] għandu jikkonforma ruħu mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali tal-isport, f'konformità mad-deċiżjonijiet u mal-istruzzjonijiet li ġejjin mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, iktar 'il quddiem il-'KOI'. Il-CONI huwa inkarigat mill-organizzazzjoni u t-tisħiħ tal-isport nazzjonali, u, b'mod partikolari, mill-preparazzjoni tal-atleti u tal-provvista tal-mezzi xierqa għal-Logħob Olimpiku u għall-avvenimenti sportivi nazzjonali jew internazzjonali l-oħra kollha intiżi għall-preparazzjoni Olimpika. Fil-qafas tas-sistema sportiva […], huwa jieħu ħsieb ukoll l-adozzjoni tal-miżuri għall-prevenzjoni u s-soppressjoni tal-użu ta' sustanzi li jibdlu l-prestazzjoni fiżika naturali tal-atleti fl-attivitajiet sportivi, kif ukoll il-promozzjoni tat-tixrid massimu tal-prattika sportiva […], fil-limiti tad-dispożizzjonijiet tad-decreto del Presidente della Repubblica n. 616 (id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 616), tal-24 ta' Lulju 1977. […]".

8 L-Artikolu 4(1) u (2) tal-istess digriet leġiżlattiv jipprevedi:

"1. Il-Kunsill Nazzjonali huwa kompost:

a) mill-President tal-CONI, li jippresjedih;

b) mill-Presidenti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali;

c) mill-membri Taljani tal-KOI;

d) minn atleti u minn tekniċi tal-qasam sportiv li jirrappreżentaw il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u lid-dixxiplini sportivi assoċjati, bil-kundizzjoni li huma qatt ma kienu suġġetti għal sospensjoni tal-attività sportiva bħala sanzjoni għal kull użu ta' sustanzi li jbiddlu r-rendiment fiżiku naturali matul l-attivitajiet sportivi;

[…]

2. Ir-rappreżentanti tal-federazzjonijiet [sportivi nazzjonali], iddefiniti fil-kuntest tal-isport Olimpiku, għandhom jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-voti fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tal-CONI."

9 L-Artikolu 5 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 242 jistipula:

"1. F'konformità mad-deċiżjonijiet u mad-direttivi tal-KOI, il-Kunsill Nazzjonali jaġixxi favur it-tixrid tal-ispirtu Olimpiku u jirregola l-attività sportiva nazzjonali billi jarmonizza l-azzjonijiet li jinsabu f'idejn il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u d-dixxiplini sportivi nazzjonali.

[…]

2. L-għan tal-Kunsill Nazzjonali huwa:

a) l-adozzjoni tal-istatut u tal-miżuri leġiżlattivi l-oħra inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, kif ukoll tad-direttivi li jiggwidaw l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli fis-seħħ;

b) id-definizzjoni tal-prinċipji fundamentali li għandhom jallinjaw ruħhom magħhom l-istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, tad-dixxiplini sportivi assoċjati, tal-entitajiet tal-promozzjoni tal-isport, kif ukoll tal-assoċjazzjonijiet u l-kumpanniji sportivi, għar-rikonoxximent tagħhom li għandhom għanijiet sportivi;

c) li jieħu deċiżjonijiet sabiex għal finijiet sportivi jirrikonoxxi lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, lill-kumpanniji u lill-assoċjazzjonijiet sportivi, lill-entitajiet tal-promozzjoni tal-isport, l-organizzazzjonijiet tal-karità u lid-dixxiplini sportivi l-oħra assoċjati mal-CONI u mal-federazzjonijiet, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Istatut […];

[…]

e) li jistabbilixxi kriterji u kundizzjonijiet li jirregolaw l-eżerċizzju tal-kontrolli mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, tad-dixxiplini sportivi assoċjati u tal-entitajiet tal-promozzjoni tal-isport irrikonoxxuti;

[…]

e-ter) l-adozzjoni, fuq il-proposta tal-Kummissjoni Nazzjonali, tad-deċiżjonijiet sabiex il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jew id-dixxiplini sportivi assoċjati jitqiegħdu taħt tutela, f'każijiet ta' irregolaritajiet serji ta' tmexxija jew ta' ksur serju tad-dritt tal-isport mill-korpi governattivi, ta' prova li dawn il-korpi ma jistgħux joperaw jew meta ma tkunx iggarantita r-regolarità tat-tnedija u tal-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet sportivi;

[…]".

10 Skont kliem l-Artikolu 6(1) ta' dan id-digriet leġiżlattiv:

"Il-Kummissjoni Nazzjonali hija komposta:

a) mill-President tal-CONI, li jippresediha;

b) mill-membri Taljani tal-KOI;

c) minn għaxar rappreżentanti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tad-dixxiplini sportivi assoċjati;

[…]'.

11 L-Artikolu 7 tal-imsemmi digriet leġiżlattiv huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-Kummissjoni Nazzjonali teżerċita l-funzjonijiet ta' tmexxija ġenerali tal-attività amministrattiva u ta' tmexxija tal-CONI, billi tiddefinixxi l-għanijiet u l-programmi tiegħu u billi tivverifika li r-riżultati huma konformi mal-linji gwida mogħtija.

2. Il-Kummissjoni Nazzjonali twettaq il-kompiti li ġejjin:

[…]

e) teżerċità, abbażi tal-kriterji u tal-modalitajiet stabbiliti konformement mal-Artikolu 5(2)(e), is-setgħa ta' kontroll fuq il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, fuq id-dixxiplini sportivi assoċjati u fuq l-entitajiet rikonoxxuti ta' promozzjoni sportiva f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni regolari tal-kompetizzjonijiet, il-preparazzjoni Olimpika, l-attività sportiva ta' livell għoli u l-użu tal-għajnuna finanzjarja msemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu;

f) tipproponi lill-Kunsill Nazzjonali t-tqegħid taħt tutela tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jew tad-dixxiplini sportivi assoċjati fil-każ ta' irregolaritajiet serji kkonstatati fit-tmexxija jew ta' ksur tad-dritt tal-isport mill-korpi ta' tmexxija jew fil-każ ta' impossibbiltà ta' funzjonament ikkonstatata fi ħdan dawn tal-aħħar jew inkella fil-każ fejn ir-rekwiżiti leġiżlattivi ma jiġux osservati sabiex jiġi ggarantit li l-kompetizzjonijiet sportivi nazzjonali jinbdew u jiżvolġu f'kundizzjonijiet tajba;

[...]".

12 L-Artikolu 15(1) sa (6) tal-istess digriet leġiżlattiv jindika:

"1. Il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u d-dixxiplini sportivi assoċjati jeżerċitaw l-attività sportiva tagħhom b'mod konformi mad-deċiżjonijiet u d-direttivi tal- KOI, tal- federazzjonijiet internazzjonali u tal-CONI, anki fid-dawl tan-natura pubblika ta' ċerti kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fl-istatuti tal-CONI. F'dawn għandhom jipparteċipaw kumpanniji u assoċjazzjonijiet sportivi u, fil-każijiet previsti mill-istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tad-dixxiplini sportivi assoċjati biss fir-rigward ta' din l-attività partikolari, anki affiljati individwali.

2. Il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u d-dixxiplini sportivi assoċjati għandu jkollhom in-natura ta' assoċjazzjoni li għandha personalità ġuridika rregolata mid-dritt privat. Huma ma għandux ikollhom skop ta' lukru u għandhom ikunu suġġetti, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet espressi ta' dan id-digriet, għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili u għal dawk adottati għall-applikazzjoni tiegħu.

3. Il-bilanċi tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tad-dixxiplini sportivi assoċjati għandhom jiġu approvati kull sena mill-korp ta' amministrazzjoni federali u huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-CONI. F'każ ta' opinjoni negattiva tal-awdituri tal-federazzjoni jew tal-federazzjoni assoċjata jew fil-kas ta' assenza ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali tal-CONI, l-assemblea tal-kumpanniji u tal-assoċjazzjonijiet għandha tissejjaħ sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-bilanċ.

4. L-assemblea li għandha teleġġi l-korpi ta' tmexxija għandha tipproċedi bl-approvazzjoni tal-programmi baġitarji ta' gwida tal-korp ta' amministrazzjoni li għandhom ikunu suġġetti għall-kontroll tal-assemblea fl-aħħar ta' kull perijodu ta' erba' snin jew tal-mandat li għalihom ġew approvati.

5. Il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u d-dixxiplini sportivi assoċjati għandhom ikunu rrikonoxxuti, għal finijiet sportivi, mill-Kunsill Nazzjonali.

6. Ir-rikonoxximent tal-personalità ġuridika rregolata mid-dritt privat lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u lid-dixxiplini sportivi assoċjati għandu jingħata b'mod konformi mad-decreto del Presidente della Repubblica 10 febraio 2000, n. 361 [(id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 361, tal-10 ta' Frar 2000)], wara r-rikonoxximent minn qabel, għall-finijiet sportivi, mill-Kunsill Nazzjonali.

[...]".

13 L-Artikolu 16(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 jipprevedi:

"Il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u d-dixxiplini sportivi assoċjati huma rregolati minn dispożizzjonijiet statutorji u regolamentari abbażi tal-prinċipju ta' demokrazija interna, tal-prinċipju ta' parteċipazzjoni ta' kulħadd fl-attività sportiva f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza u f'konformità mad-dritt sportiv nazzjonali u internazzjonali."

*L-Istatuti tal-CONI*

14 L-Artikolu 1tal-Istatuti tal-CONI jistipula:

"1. Il-[CONI] huwa l-Konfederazzjoni tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali […] u tad-dixxiplini sportivi assoċjati […]

2. Il-CONI […] huwa l-awtorità għad-dixxiplina, ir-regolazzjoni u t-tmexxija tal-attivitajiet sportivi, meqjusa bħala element essenzjali tat-taħriġ fiżiku u morali tal-individwu u parti integrali tal-edukazzjoni u tal-kultura nazzjonali. […]"

15 L-Artikolu 6 tal-Istatuti tal-CONI jipprevedi:

"1. Il-Kunsill Nazzjonali, li huwa l-korp suprem ta' rappreżentanza tal-isport Taljan, għandu jopera permezz tat-tixrid tal-idea Olimpika, jiżgura l-attività neċessarja għall-preparazzjoni Olimpika, jirregola u jikkoordina l-attività sportiva nazzjonali u jarmonizza l-azzjoni tal-[FDN] u tad-dixxiplini sportivi assoċjati.

[…]

4. Il-Kunsill Nazzjonali:

[…]

b) jistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li magħhom għandhom jikkonformaw ruħhom, sabiex jiksbu r-rikonoxximent għall-finijiet sportivi, l-istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, tad-dixxiplini sportivi assoċjati, tal-entitajiet ta' promozzjoni tal-isport, tal-assoċjazzjonijiet irrikonoxxuti bħala ta' utilità pubblika, tal-assoċjazzjonijiet u tal-kumpanniji sportivi, u jadotta l-kodiċi ta' ġustizzja sportiva li għandu jiġi osservat mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u mid-dixxiplini sportivi assoċjati kollha;

c) jiddeċiedi dwar id-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent, għall-finijiet sportivi, tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, tad-dixxiplini sportivi assoċjati, abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-istatuti, b'teħid inkunsiderazzjoni wkoll, għal dan il-għan, tar-rappreżentanza u tan-natura Olimpika tal-isport, tal-eventwali rikonoxximent mill-KOI u tat-tradizzjoni sportiva tad-dixxiplina;

[…]

e) jiddefinixxi l-kriterji u l-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-kontrolli tal-CONI fuq il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, lid-dixxiplini sportivi assoċjati u, f'dak li jirrigwarda l-oqsma sportivi, fuq l-entitajiet rikonoxxuti entitajiet rikonoxxuti ta' promozzjoni sportiva;

e1) jistabbilixxi, sabiex jiggarantixxi l-organizzazzjoni regolari tal-kampjonati sportivi, il-kriterji u l-modalitajiet tal-kontrolli mill-federazzjonijiet fuq il-kumpanniji sportivi [assoċjati] u tal-kontroll ta' sostituzzjoni tal-CONI fil-każ ta' nuqqas li jseħħu l-kontrolli mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali;

[…]

f1) jiddeċiedi, fuq proposta tal-Kummissjoni Nazzjonali, it-tqegħid taħt tutela tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tad-dixxiplini sportivi assoċjati, fil-każ ta' irregolaritajiet serji fil-ġestjoni jew ksur serju tad-dritt tal-isport mill-korpi ta' tmexxija jew fil-każ ta' impossibbiltà ta' funzjonament ikkonstatata ta' dawn tal-aħħar, jew inkella meta ma jiġux iggarantiti t-tnedija u l-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet sportivi nazzjonali f'kundizzjonijiet tajbin;

[…]”.

16 L-Artikolu 7(5) tal-Istatuti tal-CONI jipprevedi:

“Il-Kummissjoni Nazzjonali:

[…]

e) abbażi tal-kriterji u tal-modalitajiet stabbiliti mill-Kunsill Nazzjonali, tikkontrolla l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali fir-rigward tal-aspetti pubbliċi u, b’mod partikolari, fir-rigward tal-organizzazzjoni regolari tal-kompetizzjonijiet, il-preparazzjoni Olimpika, l-attività sportiva ta’ livell għoli u l-użu tal-għajnuna finanzjarja mogħtija u tistabbilixxi l-kriterji għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja lill-federazzjonijiet;

[…]

f) tipproponi lill-Kunsill Nazzjonali t-tqegħid taħt tutela tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jew tad-dixxiplini sportivi assoċjati fil-każ ta’ irregolaritajiet serji kkonstatati fit-tmexxija jew ta’ ksur tad-dritt tal-isport mill-korpi ta’ tmexxija jew fil-każ ta’ impossibbiltà ta’ funzjonament ikkonstatata fi ħdan dawn tal-aħħar jew inkella fil-każ fejn il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali ma adottawx il-proċeduri leġiżlattivi jew it-tqegħid taħt tutela tal-korpi interni kompetenti sabiex jiġi ggarantit li l-kompetizzjonijiet sportivi nazzjonali jinbdew u jiżvolġu f’kundizzjonijiet tajbin;

[…]

g2) tapprova l-baġit u l-programmi marbuta ma’ attività kif ukoll il-bilanċ annwali tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tad-dixxiplini sportivi assoċjati;

[…]

h1) taħtar l-awdituri li jirrappreżentaw il-CONI fil-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u fid-dixxiplini sportivi assoċjati u fil-kumitati reġjonali tal-CONI;

[…]

l) tapprova, għal għanijiet sportivi, l-istatuti, ir-regolamenti għall-implimentazzjoni tal-istatuti, ir-regolamenti ta’ ġustizzja sportiva u r-regolamenti ta’ kontra d-doping tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tad-dixxiplini sportivi assoċjati billi tevalwa l-konformità tagħhom mal-liġi, mal-Istatut tal-CONI, mal-prinċipji fundamentali, mad-direttivi u mal-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Nazzjonali, billi eventwalment tibgħathom lura, fit-terminu ta’ 90 jum, lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u lid-dixxiplini sportivi assoċjati sabiex isiru l-bidliet meħtieġa;

[…]”.

17 L-Artikolu 20(4) tal-Istatuti tal-CONI huwa fformulat kif ġej:

“Il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali għandhom jeżerċitaw l-attività sportiva u l-attivitajiet korrispondenti ta’ promozzjoni b’mod konformi mad-deċiżjonijiet u mad-direttivi tal-KOI u tal-CONI, fir-rigward ukoll tad-dimensjoni pubblika ta’ ċerti aspetti ta’ din l-attività. Fil-kuntest tad-dritt sportiv, awtonomija teknika, organizzattiva u ta’ ġestjoni hija rrikonoxxuta lill-[FDN] taħt il-kontroll tal-CON.”

18 Skont kliem l-Artikolu 21 tal-Istatuti tal-CONI:

"1. Il-CONI għandu jirrikonoxxi l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali li jissodisfaw ir-rekwiżiti:

a) ta' twettiq ta' attività sportiva, fit-territorju nazzjonali u fuq livell internazzjonali, inkluż il-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ għall-atleti u għat-tekniċi;

b) ta' affiljazzjoni ma federazzjoni internazzjonali rikonoxxuta mill-KOI, meta din tkun teżisti, u ta' tmexxija tal-attività konformement mal-Karta Olimpika u mar-regoli tal-federazzjoni internazzjonali li magħhom huma affiljati;

c) ta' sistema statutorja u regolamentari ispirata mill-prinċipju ta' demokrazija interna u ta' parteċipazzjoni tan-nisa' u tal-irġiel fl-attività sportiva f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza u ta' opportunitajiet indaqs, kif ukoll fl-osservanza tar-riżoluzzjonijiet u tad-direttivi tal-KOI u tal-CONI;

d) ta' proċeduri elettorali u ta' kompożizzjoni tal-korpi ta' tmexxija b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(2) [tad-Digriet Leġiżlattiv Nru° 242].

[...]

3. Jekk federazzjoni sportiva nazzjonali rikonoxxuta ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-punt preċedenti, il-Kunsill Nazzjonali tal-CONI għandu jiddeċiedi li jirrevoka r-rikonoxximent li kien ingħata".

19 L-Artikolu 22 tal-Istatuti tal-CONI jipprevedi:

"1. L-Istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali għandhom josservaw il-prinċipji fundamentali stabbiliti mill-Kunsill Nazzjonali u għandhom, b'mod partikolari, jippruvaw iżommu bilanċ kostanti bejn id-drittijiet u d-dmirijiet tas-setturi professjonali u amatorjali, inkluż bejn id-diversi kategoriji tal-istess qasam sportiv.

2. L-Istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali għandhom jiddefinixxu l-modalitajiet li jirregolaw l-eżerċizzju tal-għażla attiva u passiva tal-atleti u tat-tekniċi sportivi, f'konformità kemm mar-rakkomandazzjonijiet tal-KOI kif ukoll mal-prinċipji fundamentali li ġejjin mill-Kunsill Nazzjonali tal-CONI.

[...]

4. L-assemblea tat-tieni livell, komposta minn rappreżentanti eletti fil-livell territorjali, hija awtorizzata fil-federazzjonijiet sportivi nazzjonali li għandhom iktar minn 2 000 assoċjazzjoni u kumpanniji affiljati awtorizzati li jivvotaw.

5. Il-Kummissjoni Nazzjonali għandha 90 jum biex tapprova, għal finijiet sportivi, l-Istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali. Sabiex tagħmel dan, hija għandha tevalwa l-konformità tagħhom mal-liġi, mal-Istatut tal-CONI u mal-prinċipji fundamentali stabbiliti mill-Kunsill Nazzjonali ta' dan tal-aħħar. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità u f'terminu ta' 90 jum li jibda jiddekorri minn meta l-istatut jiġi ddepożitat għand is-Segretarju Ġenerali, il-Kummissjoni Nazzjonali għandha tibgħat dan id-dokument lura lill-federazzjonijiet ikkonċernati, filwaqt li tindikalhom il-kriterji li għandhom jiġu osservati, sabiex fih jiġu inklużi l-emendi meħtieġa. Jekk dan it-terminu ta' 90 jum jiskadi mingħajr ma jkun twettaq tali tibgħit lura, l-istatut federali għandu jitqies bħala approvat. Jekk il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali ma jemendawx l-istatut tagħhom fis-sens indikat, il-Kummissjoni Nazzjonali tista' taħtar Kummissarju *ad hoc* u, fl-iktar każijiet serji, wara intimazzjoni, tirrevoka r-rikonoxximent.

5 bis. L-Istatuti għandhom jiddefinixxu s-setgħat ta' sorveljanza u ta' kontroll li jistgħu jiġu eżerċitati mill-federazzjonijiet fid-dawl tal-artikolazzjonijiet assoċjattivi tal-istruttura tagħhom.

[…]".

20 L-Artikolu 23 tal-Istatuti tal-CONI jistipula:

"1. F'konformità mad-Digriet Leġiżlattiv Nru 242, tat-23 ta' Lulju 1999, bl-emendi u ż-żidiet sussegwenti tiegħu, flimkien ma' dawk li n-natura pubblika tagħhom hija prevista b'mod espliċitu mil-liġi, huma biss meqjusa bħala pubbliċi l-attivitajiet tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali relatati mal-ammissjoni u l-affiljazzjoni tal-kumpanniji u tal-assoċjazzjonijiet sportivi, kif ukoll tal-affiljati individwali, mar-revoka permezz ta' kwalunkwe titolu u mal-emenda tad-deċiżjonijiet ta' ammissjoni jew ta' affiljazzjoni, mal-kontroll relatat man-natura regolari tal-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet u tal-kampjonati sportivi professjonali, mal-użu ta' sussidji pubbliċi, u mal-prevenzjoni u s-sanzjonar tad-doping, kif ukoll l-attivitajiet relatati mal-preparazzjoni Olimpika u ta' livell għoli, mat-taħriġ tat-tekniċi, u mal-użu u l-ġestjoni tal-faċilitajiet sportivi pubbliċi.

1 bis. Fl-eżerċizzju tal-attivitajiet pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1, il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jaġġustaw ruħhom għad-direttivi u l-kontrolli tal-CONI u joperaw skont il-prinċipji ta' imparzjalità u ta' trasparenza. In-natura pubblika tal-attività ma tibdilx is-sistema ordinarja tad-dritt privat li huma suġġetti għaliha l-atti individwali u s-sitwazzjonijiet ġuridiċi suġġettivi marbuta tagħhom.

1 ter Il-Kummissjoni Nazzjonali għandha tistabbilixxi l-kriterji u l-proċeduri sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet federali jkunu aġġustati għall-programmi tal-CONI f'dak li jirrigwarda l-kompetittività tat-timijiet nazzjonali, is-salvagwardja tal-patrimonju sportiv nazzjonali u l-identità speċifika tiegħu, u l-ħtieġa li tiġi żgurata t-tmexxija interna effiċjenti.

2. Il-Kummissjoni Nazzjonali, abbażi tal-kriterji u tal-proċeduri stabbiliti mill-Kunsill Nazzjonali, tapprova l-baġits tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji favurihom, billi eventwalment tiddetermina d-destinazzjoni speċifika tagħhom, b'attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tal-isport taż-żgħażagħ, il-preparazzjoni tal-Olimpijadi u l-attività ta' livell għoli.

3. Il-Kummissjoni Nazzjonali tissorvelja l-funzjonament xieraq tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali. F'każ ta' irregolaritajiet serji aċċertati fil-ġestjoni jew ta' ksur serju tar-regolamenti sportivi mill-korpi federali, jew fil-każ fejn ma jiġix iggarantit il-bidu u l-iżvolġiment regolari tal-kompetizzjonijiet sportivi, jew inkella fil-każ li tiġi kkonstatata l-impossibbiltà tal-funzjonament tagħhom, hija għandha tipproponi l-ħatra ta' Kummissarju lill-Kunsill Nazzjonali."

## It-tilwimiet fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 De Vellis Servizi Globali ġiet mistiedna tipparteċipa fi proċedura nnegozjata organizzata mill-FIGC għall-finijiet tal-għoti tas-servizzi ta' trasport għall-ħtiġijiet tal-akkumpanjament tat-timijiet nazzjonali tal-futbol u tal-maħżen tal-FIGC f'Ruma (l-Italja) għal perijodu ta' tliet snin. Peress li l-kuntratt ingħata, fi tmiem din il-proċedura, lil Consorzio, De Vellis Servizi Globali kkontestat quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) il-modalitajiet ta' żvolġiment ta' din il-proċedura, fejn argumentat li l-FIGC kellha titqies bħala korp irregolat mid-dritt pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi u li għaldaqstant kellha tosserva r-regoli ta' pubblikazzjoni previsti f'dan il-kodiċi.

22 It-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio) laqgħa r-rikors ta' De Vellis Servizi Globali u annulla l-għoti tal-imsemmi kuntratt lil Consorzio.

23 Il-FIGC u Consorzio appellaw, kull waħda minnhom, mis-sentenza mogħtija minn dik il-qorti quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja). Huma jikkontestaw l-argument li l-FIGC għandha tiġi kklassifikata bħala "korp irregolat mid-dritt pubbliku" kif ukoll, għaldaqstant, il-ġurisdizzjoni tal-qorti amministrattiva u l-ilqugħ tar-rikors mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio).

24 Il-qorti tar-rinviju tesponi li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-qrati amministrattivi Taljani għandhomx ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar din it-tilwima u jekk il-FIGC kinitx obbligata li tapplika r-regoli dwar l-għoti tal-kuntratti pubbliċi, huwa neċessarju li jiġi stabbilit minn qabel jekk din tal-aħħar tistax tiġi kklassifikata bħala "korp irregolat mid-dritt pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi, li jittrasponi l-Artikolu 2(1)(4) tad-Direttiva 2014/24.

25 B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, jekk il-FIGC tissodisfax ir-rekwiżit, previst fl-Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24, li jgħid li "korp irregolat mid-dritt pubbliku" tfisser kull korp li nħoloq sabiex jissodisfa speċifikament ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali.

26 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva, minn naħa, li, inkwantu federazzjoni sportiva nazzjonali, il-FIGC hija entità rregolata mid-dritt privat li għandha personalità ġuridika, li l-Istat jikkuntenta ruħu li jirrikonoxxi skont l-iskemi proċedurali ta' rikonoxximent tal-persuni ġuridiċi rregolata mid-dritt privat u li n-natura pubblika ta' wħud mill-attivitajiet tagħha ma jibdilx is-sistema ordinarja ta' dritt privat li għalih din hija suġġetta. Iktar minn hekk, meqjusa l-kapaċità tagħha ta' awtofinanzjament u fid-dawl tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 1998, Mannesmann Anlagenbau Austria *et* (C-44/96, EU:C:1998:4), l-attivitajiet l-oħra fdati lilha apparti l-missjonijiet ta' natura pubblika fdati lilha abbażi ta' lista eżawrjenti jistgħu jitqiesu bħala li jaqgħu taħt il-kapaċità ġenerali tagħha rregolata mid-dritt privat indipendentement mill-obbligu tagħha li taqdi dawn il-missjonijiet.

27 Minn naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tispjega li huwa wkoll possibbli li jitqies li din il-klassifikazzjoni formali *ex lege* ma hijiex determinanti, sa fejn il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali suġġetti għas-setgħat ta' sorveljanza tal-CONI huma obbligati mil-liġi li jippruvaw jilħqu l-għanijiet ta' interess pubbliku li jirriżultaw b'mod eżawrjenti mill-Artikolu 23 tal-Istatuti tal-CONI, li jikkonformaw ruħhom mad-direttivi u mal-kontrolli tal-CONI, li jkunu s-suġġett ta' rikonoxximent għal finijiet sportivi min-naħa ta' dan tal-aħħar kif ukoll li josservaw il-prinċipji ta' imparzjalità u ta' trasparenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jitqies li kull attività anċillari bħal ma huma s-servizzi ta' trasport hija ta' natura funzjonali fil-konfront tal-missjonijiet ta' natura pubblika sa tali punt li din tifforma parti integrali minnhom.

28 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju, filwaqt li osservat li l-FIGC ma hijiex koperta mill-ewwel u mit-tielet parti tal-alternattiva prevista fl-Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24, tistaqsi jekk din il-federazzjoni tissodisfax ir-rekwiżit indikat fit-tieni parti ta' din l-alternattiva, li tgħid li, sabiex entità tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "korp irregolat mid-dritt pubbliku", it-tmexxija tagħha għandha tkun suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika bħal ma huwa l-CONI.

29 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-CONI, li min-naħa tiegħu jaqa taħt it-tutela tal-Ministro per i beni e le attività culturali (il-Ministeru għall-Beni u għall-Attivitajiet Kulturali), għandu, fir-rigward tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali bħal ma hija l-FIGC, diversi setgħat, bħal ma huma s-setgħat ta' rikonoxximent għal finijiet sportivi, ta' kontroll u ta' tmexxija tal-attivitajiet ta' natura pubblika kif ukoll ta' approvazzjoni tal-baġits annwali u ta' tqegħid taħt tutela.

30 Hija madankollu tenfasizza wkoll li l-FIGC tista' titqies bħala li ma hijiex taħt l-influwenza dominanti tal-CONI minħabba l-fatt li l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jipparteċipaw fil-korpi supremi tal-CONI u li s-setgħat tal-CONI fir-rigward tagħhom ma jammontawx għal sorveljanza eżerċitata abitwalment fuq il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku, sa fejn l-approvazzjoni tal-baġits annwali hija b'mod partikolari limitata għall-verifikazzjoni tal-użu tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, mfassla f'termini identiċi fil-Kawżi C-155/19 u C-156/19:

"1) a) [F]uq il-bażi tal-karatteristiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tad-dritt sportiv, il-[FIGC] tista' tiġi kklassifikata bħala organu rregolat mid-dritt pubbliku, inkwantu hija maħluqa sabiex tissodisfa speċifikament ħtiġijiet ta' interess ġenerali ta' natura mhux industrijali jew kummerċjali?

b) [B]'mod partikolari, ir-rekwiżit teleoloġiku tal-organu huwa ssodisfatt fir-rigward tal-[FIGC] minkejja l-assenza ta' att formali li jistabbilixxi awtorità pubblika u minkejja li l-[FIGC] hija stabbilita fil-forma ta' assoċjazzjoni, minħabba li din taqa' taħt dritt settorjali (id-dritt sportiv) organizzat skont mudelli ta' tip pubbliku u minħabba li hija meħtieġa tosserva l-prinċipji u r-regoli mfassla mill-[CONI] u mill-organi sportivi internazzjonali, permezz tar-rikonoxximent għal finijiet sportivi tal-entità pubblika nazzjonali?

c) B]arra minn hekk, dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfatt fir-rigward ta' Federazzjoni sportiva bħall-[FIGC], li għandha kapaċità ta' awtofinanzjament, fir-rigward ta' attività mhux ta' natura pubblika, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, jew għall-kuntrarju, ir-rekwiżit li f'kull każ tiġi żgurata l-applikazzjoni tar-regoli relatati mal-għoti ta' kuntratti pubbliċi fl-għoti lil terzi ta' kull tip ta' kuntratt minn din l-entità, għandu jitqies bħala prevalenti?

2) a) [F]uq il-bażi tar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-[CONI] u l-[FIGC], dak tal-ewwel għandu, fir-rigward tat-tieni, influwenza dominanti fid-dawl tas-setgħat legali ta' rikonoxximent tal-kumpannija għal finijiet sportivi, ta' approvazzjoni tal-bilanċi annwali u ta' sorveljanza fir-rigward tat-tmexxija u tal-funzjonament tajjeb tal-korpi kif ukoll ta' tqegħid taħt tutela tal-entità?

b) [G]ħall-kuntrarju dawn is-setgħat għandhom jitqiesu bħala li ma humiex biżżejjed sabiex ir-rekwiżit tal-influwenza pubblika dominanti li tikkaratterizza l-organu rregolat mid-dritt pubbliku jkun issodisfatt, minħabba l-parteċipazzjoni sinjifikattiva tal-presidenti u tar-rappreżentanti tal-Federazzjonijiet sportivi fil-korpi fundamentali tal-[CONI]?"

32 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2019, il-Kawżi C-155/19 u C-156/19 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċeduri bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

33 Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li entità mogħtija missjonijiet ta' natura pubblika ddefiniti b'mod eżawrjenti mid-dritt nazzjonali tista' titqies bħala li nħolqot sabiex jiġu speċifikament issodisfatti ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk hija ma nħolqotx fil-forma ta' amministrazzjoni pubblika iżda ta' assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat u li wħud mill-attivitajiet tagħha, li fir-rigward tagħhom hija għandha kapaċità ta' awtofinanzjament, ma humiex ta' natura pubblika.

34 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, abbażi tal-Artikolu 2(1)(4)(a) sa c) tad-Direttiva 2014/24, entità għandha tiġi kklassifikata bħala "korp irregolat mid-dritt pubbliku" meta, l-ewwel nett, hija nħolqot sabiex jiġu speċifikament issodisfatti ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali, it-tieni nett, hija għandha personalità ġuridika u, it-tielet nett, jew hija ffinanzjata prinċipalment mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew minn korpi oħra rregolati mid-dritt pubbliku, jew inkella t-tmexxija tagħha hija suġġetta għal kontroll ta' dawn l-awtoritajiet jew korpi,

jew inkella l-korp ta' amministrazzjoni, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza huwa kompost minn membri li iktar minn nofshom huma maħtura mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew minn korpi oħra rregolati mid-dritt pubbliku.

35 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li t-tliet rekwiżiti li jinstabu fl-Artikolu 2(1)(4)(a) sa c) tad-Direttiva 2014/24 huma kumulattivi, filwaqt li huwa sottontiż li t-tliet kriterji msemmija fit-tielet rekwiżit huma, min-naħa tagħhom, ta' natura alternattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Settembru 2013, IVD, C-526/11, EU:C:2013:543, punt 20, kif ukoll tal-5 ta' Ottubru 2017, LitSpecMet, C-567/15, EU:C:2017:736, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 F'dak li jirrigwarda l-ewwel wieħed minn dawn it-tliet rekwiżiti, previst fl-Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma xtaqx jissuġġetta għal regoli vinkolanti kuntratti pubbliċi li entitajiet maħluqa bl-għan speċifiku li jissodisfaw ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali u li l-attività tagħhom tissodisfa tali ħtiġijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2017, LitSpecMet, C-567/15, EU:C:2017:736, punt 35).

37 F'dan ir-rigward, kemm jekk sa mill-ħolqien tagħha kif ukoll jekk wara dan il-ħolqien, l-entità kkonċernata għandha effettivament tiżgura l-issodisfar ta' ħtiġijiet ta' interess ġenerali, fejn it-teħid ta' responsabbiltà għal tali ħtiġijiet għandha tkun tista' tiġi kkonstatata oġġettivament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002, Universale-Bau *et*, C-470/99, EU:C:2002:746, punt 63).

38 F'dan il-każ, mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, fl-Italja, l-attività ta' interess ġenerali kkostitwita mill-isport titwettaq minn kull waħda mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali fil-kuntest ta' missjonijiet ta' natura pubblika mogħtija espliċitament lill dawn il-federazzjonijiet mill-Artikolu 15(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 u elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 23(1) tal-Istatuti tal-CONI.

39 F'dan ir-rigward, jidher li diversi mill-missjonijiet elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-Istatuti tal-CONI, bħal ma huwa l-kontroll tal-iżvolġiment regolari tal-kompetizzjonijiet u tal-kampjonati, il-prevenzjoni u s-sanzjonar tad-doping jew ukoll il-preparazzjoni Olimpika u ta' livell għoli, ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kemm il-darba federazzjoni sportiva nazzjonali effettivament tiżgura tali missjonijiet, hija tissodisfa r-rekwiżit previst fl-Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24.

40 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkonfutata, fl-ewwel lok, mill-fatt li l-FIGC għandha l-forma ġuridika ta' assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat u li l-ħolqien tagħha ma jirriżultax, b'konsegwenza ta' dan, minn att formali li jistabbilixxi amministrazzjoni pubblika.

41 Fil-fatt, minn naħa, il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1)(4) tad-Direttiva 2014/24 ma jinkludi ebda riferiment la għall-modalitajiet ta' ħolqien u lanqas għall-forma ġuridika tal-entità. Minn naħa l-oħra, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' "korp irregolat mid-dritt pubbliku" għandu jingħata interpretazzjoni funzjonali indipendenti mill-modalitajiet formali li bihom dan jiġi stabbilit, għalkemm din in-neċessità tipprekludi li ssir distinzjoni skont il-forma jew is-sistema ġuridiċi li taħtha taqa' l-entità kkonċernata abbażi tad-dritt nazzjonali jew skont il-forma ġuridika tad-dispożizzjonijiet li joħolqu din il-entità (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Novembru 1998, BFI Holding, C-360/96, EU:C:1998:525, punt 62; tal-15 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-214/00, EU:C:2003:276, punti 55 u 56, kif ukoll tat-12 ta' Settembru 2013, IVD, C-526/11, EU:C:2013:543, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Fit-tieni lok, huwa wkoll irrilevanti l-fatt li l-FIGC twettaq, flimkien mal-attivitajiet ta' interess ġenerali elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 23(1) tal-Istatuti tal-CONI, attivitajiet oħra li jikkostitwixxu parti kbira mill-globalità tal-attivitajiet tagħha u li huma awtofinanzjati.

43 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa rrilevanti li, minbarra l-missjoni tagħha li tissodisfa ħtiġijiet ta' interess ġenerali, entità twettaq attivitajiet oħra u li l-issodisfar ta' ħtiġijiet ta' interess ġenerali jikkostitwixxi biss parti relattivament ftit importanti mill-attivitajiet realment imwettqa minn din l-entità, kemm il-darba hija tkompli tieħu r-responsabbiltà għall-ħtiġijiet li din l-entità hija speċifikament obbligata li tissodisfa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 1998, BFI Holding, C-360/96, EU:C:1998:525, punt 55).

44 Għandu jiġi speċifikat li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li federazzjoni sportiva nazzjonali għandha kapaċità ta' awtofinanzjament fir-rigward, b'mod partikolari, tal-attivitajiet li ma humiex ta' natura pubblika li hija teżerċita ma jistax ikollu, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, xi rilevanza, sa fejn tali kapaċità ta' awtofinanzjament effettivament ma taffettwa l-għoti ta' missjonijiet ta' natura pubblika.

45 Barra minn hekk, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 1998, Mannesmann Anlagenbau Austria *et* (C-44/96, EU:C:1998:4), anqas ma tippermetti li tintlaħaq konklużjoni differenti.

46 Minn naħa, il-kunsiderazzjonijiet li jinstabu fil-punti 20 sa 35 ta' dik is-sentenza juru preċiżament l-andament tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 43 ta' din is-sentenza, u dan jimplika, essenzjalment, li, sabiex jiġi ddeterminat jekk entità tistax titqies bħala li hija korp irregolat mid-dritt pubbliku, ma jagħmilx differenza l-fatt ta' jekk din l-entità twettaqx attivitajiet oħra għajr dawk intiżi li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' interess ġenerali, minkejja li l-attivitajiet imsemmija l-aħħar ma humiex kunsiderevoli wisq.

47 Minn naħa l-oħra, il-kunsiderazzjonijiet li jinstabu fil-punti 38 sa 41 tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 1998, Mannesmann Anlagenbau Austria *et* (C-44/96, EU:C:1998:4), ma humiex rilevanti għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali li għandha karatteristiċi differenti minn dawk tas-sitwazzjoni deskritta fl-imsemmija sentenza, jiġifieri s-sitwazzjoni ta' kumpannija maħluqa u miżmuma prinċipalment minn awtorità kontraenti sabiex teżerċità attivitajiet kummerċjali li fir-rigward tagħhom hija tibbenefika minn trasferiment ta' mezzi finanzjarji ġġenerati minn attivitajiet li din l-awtorità kontraenti teżerċita sabiex tissodisfa ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali.

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li entità mogħtija missjonijiet ta' natura pubblika ddefiniti b'mod eżawrjenti mid-dritt nazzjonali tista' titqies bħala li nħolqot sabiex jiġu speċifikament issodisfatti ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk hija ma nħolqotx fil-forma ta' amministrazzjoni pubblika iżda ta' assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat u li wħud mill-attivitajiet tagħha, li fir-rigward tagħhom hija għandha kapaċità ta' awtofinanzjament, ma humiex ta' natura pubblika.

### *Fuq it-tieni domanda*

49 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-tieni parti tal-alternattiva prevista fl-Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li t-tmexxija ta' federazzjoni sportiva nazzjonali għandhiex titqies bħala li hija suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika, fid-dawl, minn naħa, tas-setgħat mogħtija lil din l-awtorità fir-rigward ta' tali federazzjoni u, minn naħa l-oħra, tal-fatt li l-korpi essenzjali tal-imsemmija awtorità huma komposti prinċipalment minn rappreżentanti tal-globalità tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali.

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kriterji alternattivi li jinstabu fl-Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24, kif imfakkar fil-punt 34 ta' din is-sentenza, jirriflettu, kull wieħed minnhom, id-dipendenza stretta ta' korp fir-rigward tal-Istat, tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew ta' korpi

oħra rregolati mid-dritt pubbliku u li, f'dak li jirrigwarda iktar speċifikament ir-rekwiżit dwar il-kontroll tat-tmexxija, tali kontroll huwa msejjes fuq konstatazzjoni ta' kontroll attiv fuq it-tmexxija tal-korp ikkonċernat ta' natura li tinħoloq dipendenza ta' dan il-korp fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi, li tkun ekwivalenti għal dik li teżisti meta wieħed miż-żewġ rekwiżiti alternattivi l-oħra jkun issodisfatt, fatt li jista' jippermetti li l-awtoritajiet pubbliċi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-imsemmi korp fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2003, Adolf Truley, C-373/00, EU:C:2003:110, punti 68, 69 u 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għalhekk, bħala prinċipju, kontroll *a posteriori* ma jissodisfax dan ir-rekwiżit, sa fejn dan ma jippermettix li l-awtoritajiet pubbliċi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-korp ikkonċernat f'dan il-qasam (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, IVD, C-526/11, EU:C:2013:543, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dan il-każ, mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u, b'mod partikolari, mid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi Nru°220, tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 5(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru °242 kif ukoll minn dawk tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 6(1) tal-Istatuti tal-CONI, jirriżulta li dan tal-aħħar, inkwantu awtorità li tiddixxiplina, li tirregola u li tmexxi attivitajiet sportivi, għandu prinċipalment il-kompitu, fil-kuntest tal-awtonomija tad-dritt tal-isport u fl-osservanza tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali tal-isport, li jorganizza u li jsaħħaħ l-isport nazzjonali, b'mod partikolari l-preparazzjoni tal-atleti u l-provvista ta' mezzi xierqa għall-preparazzjoni Olimpika, li jadotta miżuri kontra d-doping u li jippromwovi t-tixrid massimu tal-prattika sportiva. Għal dan il-għan, il-Kunsill Nazzjonali tal-CONI, inkwantu korp suprem ta' rappreżentazzjoni tal-isport Taljan, jopera favur it-tixrid tal-idea Olimpika, jiżgura l-attività neċessarja għall-preparazzjoni Olimpika, jirregola u jikkoordina l-attività sportiva nazzjonali u jarmonizza, fost l-oħrajn, l-azzjoni tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali.

53 Għalhekk jidher li, billi jeżerċita essenzjalment funzjoni ta' regolazzjoni u ta' koordinazzjoni, il-CONI jikkostitwixxi organizzazzjoni umbrella li hija qabel kollox intiża li timponi fuq il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali regoli sportivi, etiċi u strutturali komuni b'tali mod li tinkapsula l-prattika sportiva b'mod armonizzat bi qbil mar-regoli internazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kompetizzjonijiet u tal-preparazzjoni għal-logħob Olimpiku. F'dan ir-rigward, għandu barra minn hekk jiġi osservat li, abbażi tal-Artikolu 7(2)(e) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242, il-kontroll tal-CONI fuq dawn il-federazzjonijiet jidher li huwa essenzjalment limitat għall-oqsma tal-organizzazzjoni tajba tal-kompetizzjonijiet, tal-preparazzjoni Olimpika, tal-attività sportiva ta' livell għoli u tal-użu tal-għajnuna finanzjarja, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

54 Min-naħa l-oħra, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-CONI huwa inkarigat li jirregola d-dettalji tal-prattika sportiva ta' kuljum jew li jindaħal fit-tmexxija konkreta tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u fir-relazzjonijiet li huma għandhom, hekk kif essenzjalment osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 29 tal-konklużjonijiet tiegħu, mal-istrutturi bażiċi kkostitwiti mill-klabbs, mill-assoċjazzjonijiet u mill-entitajiet l-oħra pubbliċi jew privati kif ukoll ma kull individwu li jixtieq jipprattika l-isport.

55 Din id-definizzjoni tar-rwol u tal-missjoni tal-CONI donnha hija sostnuta mill-Artikolu 20(4) tal-Istatuti tal-CONI, li abbażi tiegħu l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, filwaqt li huma obbligati li jeżerċitaw l-attività sportiva u l-attivitajiet korrispondenti ta' promozzjoni konformement mad-deċiżjonijiet u mal-istruzzjonijiet tal-KOI u tal-CONI, igawdu, taħt il-kontroll ta' dan tal-aħħar, minn awtonomija teknika, organizzattiva u ta' tmexxija fil-kuntest tad-dritt sportiv. Għalhekk jidher li, bl-eċċezzjoni tal-oqsma li fihom il-CONI huwa awtorizzat li jintervjeni u li jeżerċità kontroll, dawn il-federazzjonijiet jibbenefikaw minn awtonomija wiesgħa f'dak li jirrigwarda t-tmexxija rispettiva tagħhom u t-tmexxija tad-diversi aspetti tad-dixxiplina sportiva taħt ir-responsabbiltà tagħhom, sa fejn ir-relazzjoni tagħhom mal-CONI hija limitata, *prima facie*, għall-osservanza tal-linji gwida u tar-regoli ġenerali deċiżi minn dan tal-aħħar. L-Artikolu 15(4) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 barra minn hekk

jispeċifika li hija l-Assemblea tal-federazzjoni sportiva nazzjonali kkonċernata li twettaq l-approvazzjoni u l-kontroll tal-programmi baġitarji ta' gwida tal-korp ta' amministrazzjoni, u dan, għal darb'oħra, donnu juri li l-imsemmija federazzjonijiet għandhom awtonomija sħiħa ta' tmexxija.

56 F'tali konfigurazzjoni li, meqjusa d-diversità kbira bejn is-soluzzjonijiet magħżula fid-diversi Stati Membri, hija speċifika għad-dritt tal-isport Taljan, għandu jitqies li amministrazzjoni pubblika inkarigata, essenzjalment, li tiddeċiedi regoli fil-qasam sportiv, li tivverifika l-applikazzjoni korretta tagħhom u li tintervjeni biss fil-livell tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet u tal-preparazzjoni Olimpika mingħajr ma tirregola l-organizzazzjoni u l-prattika ta' kuljum tad-diversi dixxiplini sportivi ma tistax titqies, *prima facie*, bħala korp ġerarkiku li jista' jikkontrolla u jorjenta t-tmexxija tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, u dan ħafna inqas meta dawn il-federazzjonijiet igawdu minn awtonomija ta' tmexxija.

57 L-awtonomija ta' tmexxija mogħtija lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali fl-Italja għalhekk donnha, *a priori*, tixhed kontra kontroll attiv tal-CONI sa tali punt li dan tal-aħħar ikun f'pożizzjoni li jinfluwenza t-tmexxija ta' federazzjoni sportiva nazzjonali bħal ma hija l-FIGC, b'mod partikolari fil-qasam ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi.

58 Dan espost, tali preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata jekk jiġi stabbilit li, effettivament, id-diversi setgħat mogħtija lill-CONI fil-konfront tal-FIGC għandhom l-effett li joħolqu dipendenza min-naħa ta' din il-federazzjoni fil-konfront tal-CONI sa tali punt li dan tal-aħħar jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-imsemmija federazzjoni fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi. F'dan ir-rigward, l-ispirtu ta' kompetizzjoni sportiva li l-organizzazzjoni u t-tmexxija konkreta tagħha hija responsabbiltà tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, hekk kif ġie espost fil-punt 55 ta' din is-sentenza, jitlob li dawn id-diversi setgħat tal-CONI ma jinftehmux f'sens tekniku wisq, iżda li jingħataw interpretazzjoni iktar sostantivi milli formali.

59 B'konsegwenza ta' dan hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk mid-diversi setgħat mogħtija lill-CONI fil-konfront tal-FIGC jirriżultax, globalment, li teżisti dipendenza akkumpanjata minn tali possibbiltà ta' influwenza. Għalkemm din il-verifika għandha titwettaq esklużivament mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista' madankollu, jekk ikun il-każ, tipprovdi indikazzjonijiet speċifiċi intiżi li jiggwidaw lill-qorti nazzjonali fid-deċiżjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego, C-614/17, EU:C:2019:344, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, is-setgħa tal-CONI li jirrikonoxxi l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali għall-finijiet sportivi, kif tirriżulta kemm mill-Artikolu 5(2)(c) u mill-Artikolu 15(5) u (6) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 kif ukoll mill-Artikolu 6(4)(b) u (c) tal-Istatuti tal-CONI, għandu jiġi osservat, minn naħa, li l-CONI japplika, f'dan il-kuntest, leġiżlazzjoni ġenerali li, skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Taljan, hija l-istess għal kull entità sportiva assoċjattiva li tixtieq tikseb il-personalità ġuridika jew li tirċievi, anki jekk f'ammonti żgħar, kontribuzzjonijiet pubbliċi. Minn naħa l-oħra, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rikonoxximent mill-CONI hija sempliċement stadju minn qabel li jirrigwarda biss il-proċess ta' rikonoxximent għal finijiet sportivi, sa fejn dawn il-federazzjonijiet kollha jiġu rikonoxxuti b'mod uniformi skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Taljana fis-seħħ, f'dan il-każ id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 361, tal-10 ta' Frar 2000.

61 Barra minn hekk, mid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 6(4)(c) u tal-Artikolu 21(1) tal-Istatuti tal-CONI jirriżulta li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, il-kriterji li abbażi tagħhom jingħata r-rikonoxximent bl-ebda mod ma huma relatati ma aspetti tat-tmexxija tal-federazzjoni kkonċernata, iżda jirrigwardaw kemm ir-rekwiżiti ġenerali li għandhom jiġu ssodisfatti minn kull federazzjoni sportiva nazzjonali fil-qasam ta' sport u ta' organizzazzjoni kif ukoll l-osservanza ta' regoli u ta' prinċipji bażiċi bħal ma huwa l-prinċipju ta' demokrazija interna jew

il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn is-sessi u ta' opportunitajiet indaqs. Fl-istess linja ta' ħsieb, ir-rikonoxximent ta' federazzjoni sportiva nazzjonali jista' jiġi rrevokat mill-Kunsill Nazzjonali tal-CONI, abbażi tal-Artikolu 21(3) tal-Istatuti tal-CONI, biss fil-każ fejn il-federazzjoni kkonċernata ma tkunx għadha tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 21(1) ta' dawn l-istatuti.

62 Huwa minnu li, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-proċess ta' rikonoxximent jidher li huwa, abbażi kemm tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 kif ukoll tal-Artikolu 6(4)(b) tal-Istatuti tal-CONI, marbut mal-eżami tal-konformità tal-Istatuti tal-federazzjoni sportiva nazzjonali kkonċernata mal-prinċipji fundamentali ddefiniti mill-Kunsill Nazzjonali tal-CONI. Madankollu, l-espressjoni "prinċipji fundamentali", moqrija flimkien mal-prinċipji li magħhom għandhom jikkonformaw ruħhom id-dispożizzjonijiet statutorji u regolamentari ta' dawn il-federazzjonijiet abbażi kemm tal-Artikolu 16(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru° 242 kif ukoll tal-Artikolu 21(1)(c) u tal-Artikolu 22(1) sa (3) tal-Istatuti tal-CONI, donnha tikkonferma li l-Kunsill Nazzjonali tal-CONI jista' jiddefinixxi biss regoli ta' organizzazzjoni ispirati mill-prinċipju ta' demokrazija interna li l-Istatuti tal-imsemmija federazzjonijiet għandhom jirrispettaw, mingħajr ma huwa f'pożizzjoni li jimponilhom regoli ta' tmexxija ddettaljati u orjentati.

63 Meta l-intervent tal-CONI jkun limitat għall-istabbiliment tal-prinċipji fundamentali bil-għan li jkun hemm armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali li għaliha huma suġġetti l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali kollha u li jiġi żgurat li dawn il-federazzjonijiet huma operattivi, fid-dixxiplina sportiva responsabbiltà tagħhom, fuq il-livelli nazzjonali u internazzjonali, billi jippruvaw jilħqu l-għanijiet stabbiliti mil-liġi u billi jadottaw dispożizzjonijiet statutorji u regolamentari konformi ma din il-liġi u mal-prinċipju ta' demokrazija interna, ma jidhirx, *prima facie*, li r-rikonoxximent minn qabel tal-FIGC għall-finijiet sportivi jippermetti, waħdu, li l-CONI jeżerċità, sussegwentement, kontroll attiv fuq it-tmexxija ta' din il-federazzjoni sal-punt li jkun jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi.

64 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, is-setgħa tal-CONI, prevista fl-Artikolu 5(2)(a) u fl-Artikolu 15(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 kif ukoll fl-Artikolu 20(4) u fl-Artikolu 23(1bis) u (1ter) tal-Istatuti tal-CONI, li jadotta fir-rigward tal-federazzjonijiet sportivi Taljani, linji gwida, deċiżjonijiet, direttivi u istruzzjonijiet fir-rigward tal-eżerċizzju tal-attività sportiva responsabbiltà ta' dawn il-federazzjonijiet, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, hekk kif sostnew il-FIGC, il-CONI u l-Gvern Taljan matul is-seduta, dawn ir-regoli, ikkunsidrati globalment, huma intiżi li jimponu fuq il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali regoli globali, wiesgħa u astratti jew linji gwida ġenerali dwar l-organizzazzjoni sportiva fid-dimensjoni pubblika tagħha, b'tali mod li, b'dan il-mod, il-CONI ma jintervjenix b'mod attiv fit-tmexxija ta' dawn il-federazzjonijiet sal-punt li jkun jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi, jew inkella jekk, bil-kontra ta' dan, il-CONI huwiex f'pożizzjoni li jissuġġetta lill-imsemmija federazzjonijiet għal regoli ta' tmexxija ddettaljati ħafna u li jimponilhom profil ta' tmexxija speċifiku, b'mod partikolari fil-qasam ta' għoti ta' kuntratti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-237/99, EU:C:2001:70, punti 50 sa 52 u 57).

65 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, is-setgħa tal-CONI li japprova għall-finijiet sportivi l-Istatuti tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, għandu jiġi osservat li, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 7(5)(l) u mill-Artikolu 22(5) tal-Istatuti tal-CONI, dan tal-aħħar jista' jevalwa l-konformità tal-Istatuti ta' dawn il-federazzjonijiet biss mal-liġi, mal-Istatuti rispettivi tiegħu u mal-prinċipji fundamentali stabbiliti minnu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-CONI setax jimponi fuq il-FIGC, waqt l-approvazzjoni tal-Istatuti, emendi ta' natura tali li jillimitaw l-awtonomija ta' tmexxija tagħha jew, waqt l-evalwazzjoni tal-Istatuti, jirrevoka r-rikonoxximent tal-FIGC għar-raġuni li din tal-aħħar ma aċċettatx emendi intiżi li jillimitaw l-awtonomija ta' tmexxija tagħha jew saħansitra li jimponulha aġiri ddeterminati minn qabel fil-qasam ta' tmexxija.

66 F'dak li jirrigwarda, ir-raba' nett, is-setgħa tal-CONI li japprova l-baġits u l-baġits annwali tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, kif prevista fl-Artikolu 15(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 kif ukoll fl-Artikolu 7(5)(g2), u fl-Artikolu 23(2) tal-Istatuti tal-CONI, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, f'dan ir-rigward, il-CONI jillimitax ruħu li jwettaq kontroll purament tal-kontabbiltà tal-baġit u tal-bilanċ tal-baġit, fatt li ma jkunx jindika l-eżistenza ta' kontroll attiv fuq it-tmexxija ta' dawn il-federazzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-237/99, EU:C:2001:70, punt 53, u tat-12 ta' Settembru 2013, IVD, C-526/11, EU:C:2013:543, punt 29), jew tabilħaqq jekk din il-verifikazzjoni tirrigwardax ukoll it-tmexxija attwali tal-imsemmija federazzjonijiet, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-eżattezza taċ-ċifri, tar-regolarità, tat-tfittxija ta' tfaddil, tal-profittabbiltà u tar-razzjonalità, fatt li jkun juri l-eżistenza ta' kontroll attiv fuq it-tmexxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2003, Adolf Truley, C-373/00, EU:C:2003:110, punt 73).

67 F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari l-approvazzjoni tal-baġits, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk l-unika "sanzjoni" marbuta man-nuqqas ta' approvazzjoni tal-baġits min-naħa tal-CONI tikkonsistix fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' dawn il-baġits. Tali indizji għandhom tendenza li juru l-assenza ta' setgħa ta' ġegħil tal-CONI fir-rigward tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali f'dan ir-rigward.

68 F'dak li jirrigwarda l-approvazzjoni tal-baġit, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, hekk kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet pprovduti mill-CONI matul is-seduta, il-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jiddeċiedu, fl-aħħar mill-aħħar, dwar il-baġit tagħhom mingħajr ma l-CONI ma jkun jista' jopponi l-adozzjoni tiegħu u għalhekk mingħajr ma jkun f'pożizzjoni li jikkontrolla t-tmexxija ta' dawn il-federazzjonijiet fuq dan il-punt, fatt li għal darb'oħra jerġa jindika l-assenza ta' setgħa ta' ġegħil tal-CONI.

69 Fir-rigward tas-setgħa tal-CONI, prevista fl-Artikolu 23(2) tal-Istatuti ta' dan tal-aħħar, li jiddetermina l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u li jiddefinixxi setturi partikolari li lilhom għandhom jiġu allokati dawn il-kontribuzzjonijiet, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-effett ta' din is-setgħa fuq it-tmexxija konkreta tal-FIGC kif ukoll fuq il-kapaċità ta' din tal-aħħar li tkompli żżomm ir-riedni tad-deċiżjonijiet tagħha fil-qasam ta' għoti ta' kuntratti. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, minn naħa, il-kontribuzzjonijiet pubbliċi donnhom huma mqassma, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, skont kategoriji ġenerali ħafna fi ħdan id-dimensjoni pubblika tal-attività sportiva, jiġifieri l-promozzjoni tal-isport maż-żgħażagħ, il-preparazzjoni għal-logħob Olimpiku u l-preparazzjoni għall-attività sportiva ta' livell għoli, u li, minn naħa l-oħra, fil-każ partikolari tal-FIGC, hekk kif dan jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-indikazzjonijiet ipprovduti matul is-seduta, il-finanzjament pubbliku ta' din il-federazzjoni huwa f'kull każ minoritarju, sa fejn din il-federazzjoni għandha kapaċità ta' awtofinanzjament kunsiderevoli.

70 F'dak li jirrigwarda, il-ħames nett, is-setgħa tal-CONI li jaħtar, abbażi tal-Artikolu 7(5)(hl) tal-Istatuti tal-CONI, awdituri li jirrappreżentawh fil-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, għandha tkun il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-awdituri humiex f'pożizzjoni li jinfluwenzaw il-politika ta' tmexxija ta' din il-federazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi, fid-dawl tal-fatt li, hekk kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-FIGC u tal-CONI, dawn l-awdituri ma għandhomx dritt ta' veto u la għandhom setgħa rappreżentattiva u lanqas xi setgħa ta' tmexxija.

71 F'dak li jirrigwarda, is-sitt nett, is-setgħa tal-CONI, prevista fl-Artikolu 5(2)(e) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 kif ukoll fl-Artikolu 6(4)(e) u (e1), fl-Artikolu 7(5)(e) u fl-Artikolu 23(3) tal-Istatuti ta' dan tal-aħħar, li jikkontrolla kemm l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' natura pubblika fdati lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali kif ukoll, b'mod iktar ġenerali, il-funzjonament tajjeb ta' dawn il-federazzjonijiet, għandha tkun il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-portata ta' dawn il-kontrolli fuq l-awtonomija ta' tmexxija tal-imsemmija federazzjonijiet u fuq il-kapaċità tagħhom ta' deċiżjoni fil-qasam ta' għoti ta' kuntratti. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju ser ikollha tivverifika jekk, hekk kif huwa indikat fil-punt 53 ta' din is-sentenza, il-kontroll tal-funzjonament tajjeb tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali

huwa essenzjalment limitat għall-oqsma tal-organizzazzjoni regolari tal-kompetizzjonijiet, tal-preparazzjoni Olimpika, tal-attività sportiva ta' livell għoli u tal-użu tal-għajnuna finanzjarja jew tabilħaqq jekk il-CONI għandux kontroll iktar attiv fuq it-tmexxija ta' dawn il-federazzjonijiet.

72 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari s-setgħa tal-CONI li jqiegħed taħt tutela l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali fil-każ ta' irregolaritajiet serji fit-tmexxija, ta' ksur serju tad-dritt tal-isport, ta' impossibbiltà ta' funzjonament ta' dawn il-federazzjonijiet jew ta' problemi ta' regolarità tal-kompetizzjonijiet sportivi, hija l-qorti tar-rinviju li, sabiex teskludi l-eżistenza ta' kontroll attiv fuq it-tmexxija tal-imsemmija federazzjonijiet, li għandha tiddetermina jekk, bi qbil ma dak li sostnew il-FIGC, il-CONI u l-Gvern Taljan kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom kif ukoll matul is-seduta, dawn il-każijiet ta' intervent mill-CONI, hekk kif jirriżultaw kemm mill-Artikolu 5(2)(e ter) u mill-Artikolu 7(2)(f) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242 kif ukoll mill-Artikolu 6(4)(f1), mill-Artikolu 7(5)(f) u mill-Artikolu 23(3) tal-Istatuti tal-CONI, jaqgħu taħt is-sempliċi kontroll ta' regolarità u mhux taħt il-politika ta' tmexxija tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali u jekk, indipendentement min-natura eċċezzjonali tat-tqegħid taħt tutela, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa jimplikax kontroll permanenti fuq it-tmexxija ta' dawn il-federazzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-237/99, EU:C:2001:70, punti 55 u 56).

73 Għandu jiġi speċifikat li, hekk kif essenzjalment osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kontroll attiv mill-CONI fuq it-tmexxija tal-FIGC u ta' possibbiltà ta' influwenza mill-CONI fuq id-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi, l-analiżi tad-diversi setgħat tal-CONI għandha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni globali, fejn għandu jiġi speċifikat li, bħala regola ġenerali, din l-eżistenza x'aktarx tiġi żvelata permezz ta' sensiela ta' indizji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-237/99, EU:C:2001:70, punt 59).

74 Fir-rigward taċ-ċirkustanza, osservata mill-qorti tar-rinviju, li, fil-każ fejn ikollu jiġi deċiż li l-CONI jikkontrolla t-tmexxija tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali bħal ma hija l-FIGC fis-sens tat-tieni parti tal-alternattiva prevista fl-Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24, dawn il-federazzjonijiet jeżerċitaw, minħabba l-parteċipazzjoni maġġoritarja tagħhom fi ħdan il-korpi kolleġjali prinċipali li jiddeċiedu tal-CONI abbażi tal-Artikoli 4 u 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°242, influwenza fuq l-attività tal-CONI li tikkontrobilanċja dan il-kontroll, għandu jiġi enfasizzat li din iċ-ċirkustanza tkun rilevanti biss jekk ikun jista' jiġi stabbilit li kull waħda mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, ikkunsidrata b'mod iżolat, hija f'pożizzjoni li teżerċità influwenza sinjifikattiva fuq il-kontroll ta' tmexxija eżerċitat mill-CONI fir-rigward tagħha bil-konsegwenza li dan il-kontroll jiġi mxejjen u li tali federazzjoni sportiva nazzjonali terġa' tikseb, b'dan il-mod, ir-riedni tat-tmexxija tagħha, u dan minkejja l-influwenza tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali l-oħra li jinstabu f'sitwazzjoni analoga.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li t-tieni parti tal-alternattiva prevista fl-Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24 għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-każ fejn federazzjoni sportiva nazzjonali għandha, abbażi tad-dritt nazzjonali, awtonomija ta' tmexxija, it-tmexxija ta' din il-federazzjoni tista' titqies bħala li hija suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika biss jekk minn analiżi globali tas-setgħat li din l-awtorità għandha fil-konfront tal-imsemmija federazzjoni jirriżulta li jeżisti kontroll ta' tmexxija attiv li, effettivament, jippreġudika din l-awtonomija sal-punt li jippermetti li l-imsemmija awtorità tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-istess federazzjoni fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi. Il-fatt li d-diversi federazzjonijiet sportivi nazzjonali jeżerċitaw influwenza fuq l-attività tal-awtorità pubblika kkonċernata minħabba l-parteċipazzjoni maġġoritarja tagħhom fi ħdan il-korpi kolleġjali prinċipali tagħha li jiddeċiedu huwa rilevanti biss jekk jista' jiġi stabbilit li kull waħda minn dawn il-federazzjonijiet, ikkunsidrata b'mod iżolat, hija f'pożizzjoni li teżerċità influwenza sinjifikattiva fuq il-kontroll pubbliku eżerċitat minn din l-awtorità fir-rigward tagħha bil-konsegwenza li dan il-kontroll jiġi mxejjen u li tali federazzjoni sportiva nazzjonali terġa' tikseb, b'dan il-mod, ir-riedni tat-tmexxija tagħha, u dan minkejja l-influwenza tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali l-oħra li jinstabu f'sitwazzjoni analoga.

**Fuq l-ispejjeż**

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ħlas lura.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja (ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li entità mogħtija missjonijiet ta' natura pubblika ddefiniti b'mod eżawrjenti mid-dritt nazzjonali tista' titqies bħala li nħolqot sabiex jiġu speċifikament issodisfatti ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk hija ma nħolqotx fil-forma ta' amministrazzjoni pubblika iżda ta' assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat u li wħud mill-attivitajiet tagħha, li fir-rigward tagħhom hija għandha kapaċità ta' awtofinanzjament, ma humiex ta' natura pubblika.**

2) **It-tieni parti tal-alternattiva prevista fl-Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24 għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-każ fejn federazzjoni sportiva nazzjonali għandha, abbażi tad-dritt nazzjonali, awtonomija ta' tmexxija, it-tmexxija ta' din il-federazzjoni tista' titqies bħala li hija suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika biss jekk minn analiżi globali tas-setgħat li din l-awtorità għandha fil-konfront tal-imsemmija federazzjoni jirriżulta li jeżisti kontroll ta' tmexxija attiv li, effettivament, jippreġudika din l-awtonomija sal-punt li jippermetti li l-imsemmija awtorità tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-istess federazzjoni fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi. Il-fatt li d-diversi federazzjonijiet sportivi nazzjonali jeżerċitaw influwenza fuq l-attività tal-awtorità pubblika kkonċernata minħabba l-parteċipazzjoni maġġoritarja tagħhom fi ħdan il-korpi kolleġjali prinċipali tagħha li jiddeċiedu huwa rilevanti biss jekk jista' jiġi stabbilit li kull waħda minn dawn il-federazzjonijiet, ikkunsidrata b'mod iżolat, hija f'pożizzjoni li teżerċità influwenza sinjifikattiva fuq il-kontroll pubbliku eżerċitat minn din l-awtorità fir-rigward tagħha bil-konsegwenza li dan il-kontroll jiġi mxejjen u li tali federazzjoni sportiva nazzjonali terġa' tikseb, b'dan il-mod, ir-riedni tat-tmexxija tagħha, u dan minkejja l-influwenza tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali l-oħra li jinstabu f'sitwazzjoni analoga.**

Firem